MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1408/2000/1

**Joseph Debono**

**Vs**

**Direttur Ezekuttiv tal-Yachting Centres tal-Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Illli l-attur akkwista lanca jisimha TIGRIS III, gia' TARIAN, li kienet ghal dan l-ahhar snin tigi rmiggjata fl-Msida Marina fl-irmigg numru N 014;

Premess illi l-Awtorita’ konvenuta qalbet l-utenza tal-imsemmi rmigg fuq il-*computer* tal-Awtorita’ ghal fuq isem l-attur;

Premess illi l-Awtorita’ konvenuta baghtet lill-attur kont ta’ Lm192.53 datat l-1 ta’ Gunju, 2000 (Dok. A) ghall-irmigg numru N 014 ghall-lanca numru 592, cioe’ l-lanca TIGRIS III akkwistata mill-attur, ghall-perjodu l-1 ta’ Lulju, 2000 sal-31 ta’ Dicembru, 2000;

Premess illi meta l-attur mar biex ihallas dan il-kont, l-Awtorita’ konvenuta rrifjutat dak il-pagament;

Premess illi, sabiex jezimi ruhu minn kull responsabbilita’, fl-20 ta’ Gunju, 2000 l-attur iddepozita s-somma pretiza skond il-ligi (kopja legali tac-cedola ta’ depozitu hawn annessa Dok. B);

Premess illi fit-28 ta’ Gunju, 2000 l-attur talab u ottjena l-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2269/00 (kopja legali hawn annessa Dok. C);

Premess illi d-diskrezzjoni moghtija lill-Awtorita’ konvenuta permess tad-Direttur Ezekuttiv ai termini tal-Art. 6(1) tal-AL 71 tal-1992, f’kull kaz ghandha tigi ezercitata b’mod korrett u ekwu, cieo’ b’mod illi ma ssirx vjolazzjoni tal-Art. 469 A tal-Kap. 12, partikolarment wara illi l-attur gie ndott illi jifhem, anzi assikurat, mill-Awtorita’ konvenuta illi l-irmigg imsemmi huwa f’ismu u tal-lanca tieghu;

Tghid l-Awtorita’ konvenuta il-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-utenza tal-irmigg Msida Marina numru w ittra N 014 jappartjeni lill-lanca jisimha TIGRIS III, gia’ TARIAN, lanca numru 592, illum proprjeta’ tal-attur;

2. Tikkonferma l-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2269/00.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

B’riserva ta’ kull azzjoni ohra talvolta spettanti lill-attur fil-konfront tal-Awtorita’ konvenuta ghad-danni kollha talvolta rizultanti lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta a fol.** 13 tal-process fejn eccepiet :

1. L-ewwel domanda ghandha tigi respinta billi “yachts” jirmiggaw, jankraw jew ibiddlu l-irmigg kif, fejn u meta ordnati mid-Direttur Ezekuttiv (Artikolu 6 (1) tal-AL 71 tal-1992) u ghalhekk l-ebda “yacht” ma ghandu xi forma ta’ titolu ghall-“berth” kif qed jippretendi l-attur.

2. It-tieni domanda kif intavolata ma tistax tigi milqugha u ghalhekk ghandha tigi respinta billi l-Qorti qatt ma tista’ tigi mitluba tikkonferma Mandat (f’dana l-kaz il-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2269/00) imma li taghti ordni jew tinibixxi l-att u/jew ghemil illi jkun ta’ lok ghal dak il-Mandat.

3. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat ir-rikors ta’ Alfred Spiteri li biha huwa nforma l-Qorti li bi skrittura datata 3 ta’ Frar 2004 huwa akkwista d-drittijiet litiguzji ta’ l-attur u talab li jassumi l-atti tal-kawza flok l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**FATTI**

Dwar il-fatti li taw lok ghall dina l-kawza, Godwin Callus, rapprezentant tal-Malta Yachting Directorate, kien ipprepara Internal Memorandum, li kopja tieghu giet ezibita a fol 63/64 fejn hu elenka l-punti saljenti f'dina l-vertenza.

Hu beda biex jghid li lejn l-ahhar ta' Marzu 2000 l-attur kien avvicinah l-ufficju tieghu biex isaqsi dwar il-procedura rigwardanti t-*transfers* ta' irmiggi u jekk dawn jghaddux awtomatikament mal-bejgh ta' *boat*. Fis-27 ta' April 2000 kien irceva ittra minghand l-attur (Dok a fol 62) fejn infurmah li kien xtara jott bl-isem TARIAN u li kien ser izomm l-irmigg tieghu. Fl-istess gurnata kien mar ghandhu l-attur u kien qallu li hu kien sid il-jott TIGRIS 111 (li qabel kien jismu TARIAN). Ghalhekk hu kien staqsa lill attur jekk kienx xtara l-jott u l-berth minghand Satariano u dan ikkonferma u li ma kienx se jixtri jott minghand il-*berth*. Ghalhekk kien tah struzzjonijiet biex isir it-tibdil fuq il-*computer*. Imbaghad fil-15 ta' Mejju 2000 kien mar ghandu Satariano b'ittra (dok a fol 50) fejn infurmah li hu kien ser izomm il-*berth* ghal *boat* gdida tieghu. Dak il-hin hu qal lill Satariano li l-attur kien qed jghid li l-*berth* kienet tieghu. Ghalhekk zamm laqgha fl-ufficju tieghu fejn kien hemm prezenti l-attur u Satariano u kien staqsa lill attur jekk kienx xtara l-*berth* u dan qallu 'iva' u dak il hin Satariano ghajru 'giddieb'. Satariano kien qed jikkontendi li l-ftehim ma' l-attur kien li dan kellu jpoggi l-jott tieghu Portomaso Marina. Fil-frattemp kien lahaq inhareg il-kont lill attur biex ihallas tal-*berth* u meta l-attur mar biex ihallsu hu ma kienx accetta l-pagament billi kien hemm dina l-kwistjoni pendenti. Ghalhekk l-attur iddepozita l-flus il-Qorti (fol 7) u hareg mandat ta' inibizzjoni (dok fol 8) biex huma ma jaghtux lill Satariano il-*berth* li l-attur kien diga okkupa u qed jippretendi li hu tieghu.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jissottometti li d-diskrezzjoni tal-konvenut – moghtija lilu bis-sahha ta' l-Art 6(1) tal-AL 71/1992 hija cirkoskritta u sindakabbili bil-provvediment tal-ligi generali enunzjat fl-artikolu 469A tal-Kap 12. L-eghmil lamentat hu li l-Awtorita' konvenuta ma accettatx il-kera tal-*berth*

minghand l-attur u allura wara li allokat il-*berth* lill attur biddlet fehemtha u ghalhekk dana l-agir huwa *ultra vires* a tenur ta' l-artikolu 469A ghar-raguni li "tissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti" u sussidjarjament ittiehdet" ghal ghanijiet mhux xieraq" (ara fol 87). Fil-mertu l-attur isostni li hu xtara l-jott bil-*berth* b'kollox.

Il-konvenuti qed jikkontendu li dina mhiex azzjoni bazata fuq l-artikolu 469(A) billi ma gietx segwita l-procedura kontemplata f'dan l-artikolu.

Fil-mertu l-konvenuti jirritjenu li Ray Satariano kien kiteb lilhom fejn qallhom li kien ser izomm il-*berth* izda li l-attur seta jkompli jaghmel uzu minnha sakemm tigi l-*boat* gdida tieghu u li l-attur kellu jirmigga Portomaso Marina meta tiftah. Izda indipendentement mill ftehim li setgha kien hemm bejn il-venditur u l-kumpratur il-konvenuti jsostnu li l-uzu ta' l-irmigg hu dipendenti mid-Direttur Esekuttiv u ghalhekk ebda *yacht* ma ghandu xi forma ta' titolu ghall *berth* u ghamlu referenza ghall A.L. 71/1992 artikolu 6(1) u l-artikolu 8. Dan ifisser, qalu l-konvenuti, li la l-venditur u lanqas il-kumpratur m'ghandhom dritt li jaghmlu xi tip ta' negozju mill *berth* peress billi din hija proprjeta' assoluta ta' l-Awtorita' Marittima u d-dritt ta' l-irmigg hu fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorita'.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L- artikolu 6(1) tal A.L. 71/1992) jipprovvdi li *"Yachts shall berth or moor or shift berth at a yachting centre, where and when directed by the Executive Director"*

*L-artikolu 8 " A yacht relinquishing its berth for a time in excess of 24 hrs shall forfeit the right to that berth unless the Executive Director, upon prior notice of absence from a yachting centre, otherwise directs".*

Minn dawn ir-regolament jidher car li hi fis-setgha u fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorita', kif vestita bil-ligi msemmija, li tohrog regolamenti li jirregolaw l-uzu ta' irmiggi. L-Awtorita' tipprovdi berths li jigu assenjati lill-sid ta' bastiment u dina tista' tinbidel mill-Awtorita' skond l-

esigenzi tal-Marina. Is-sidien ihallsu tariffa ghall uzu tal-*berth* lilhom koncess, liema uzu jigi mgedded minn zmien ghall-zmien ma kull pagament li jsir. Dan ma jfissirx li l-Awtorita' hija obbligata li tkompli ggedded din il-koncessjoni b'mod permanenti u indefinitiv (ara sentenza Gatt vs Awtorita' Marittima PA TM 7/7/2004).

Kif gie deciz fil-kawza App J. Bellizzi et vs J. Grioli et 5/6/2001 il-posizzjoni legali hija li l-Awtorita' ghandha s-setgha li tipprovdi u tizgura l-provvediment ta' servizz ta' irmigg lill-bastimenti u ghandha s-setgha li tordna fejn xi bastiment ghandu jirmiggja. Hi l-Awtorita' biss li ghandha dan id-dritt li tiddetermina l-hrug tal-permessi relattivi.

Fil-kaz in ezami l-attur qed jippretendi li l-Awtorita' konvenuta allokatlu l-irmigg kontestat billi qed isostni li hu kien xtara l-jott bil-*berth* b'kollox mentri Satariano cahad li hu qatt bieghlu l-*berth* imma li l-ftehim kien li l-attur kellu juza l-*berth* sakemm Satariano igib il-*boat* tieghu l-gdida imbaghad l-attur imur jirmigga Portomaso Marina. L-Awtorita' kienet tat il-*berth* lill attur ghax dan kien qallha li xtara l-jott bil-*berth* b'kollox u emnitu ghalkemm l-attur ma kellu xejn x'juri bil-mitkub li hu effettivament kien xtara l-*berth* ukoll. Meta imbaghad l-Awtorita' saret taf li Satariano kien qed jippretendi li ma kienx biegh il-*berth* u li hu kellu mhallas sa Gunju 2000, l-Awtorita' ma accettatx flus minghand l-attur.

L-awtorita' imbaghad giet mizmuma milli talloka l-*berth* lill min deherilha li kellu jzomm il-*berth* billi inhareg mandat ta' inibizzjoni kontriha.

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz la l-attur u lanqas Satariano ma kellhom dritt li jaghmlu xi tip ta' negozju minn dan il-*berth* billi dan kien proprjeta' ta' l-Awtorita' Marittima u mhux taghhom u dejjem kienet fid-diskrezzjoni taghha lill minn taghtih biex jaghmel uzu minnu skond il-ftehim li hi tkun dahlet fih.

Huwa rrilevanti ghalhekk ghall kaz in ezami kwistjonijiet kostituzzjonali jew tan-natura amministrattiva billi din hija kwistjoni ta' applikazzjoni u nterpretazzjoni ta' kuntratt

milhuq bejn il-partijiet dwar l-uzu ta’ *berth* li ghandu jigi interpretat skond il-ligi. Fil-fatt it-talba ta’ l-attur ma hiex biex jigi annulat xi eghmil amministrattiv imma biex jigi dikjarat li l-irmigg kontestat hu ta’ l-attur.

Darba li gie stabilit li l-Awtorita’ kienet qed timxi fil-parametri tal-ligi, u effettivament ghadha lanqas allokat definitivament il-*berth* ghax giet mizmuma, mhux lecitu li l-Qorti tmur oltre.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba ta’ l-attur,
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------